MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 37 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 12 ta' Lulju 2012 |
| HIN | 2.30pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Fredrick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

37.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 36 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

37.2 Arising Out

37.2.1 Ircevejna ittra minghand id-Dipartiment tal-Artijiet fejn fiha kienu infurmawna li l-Kunsill inghata bicca Art hdejn Ghajn Hammam sabiex tintuza bhala Parking Area. Din l-art giet mghodija lil Kunsill ghal sitt xhut , rinovabli , ghal hlas ta'Euro 750 kull sitt xhur.

37.2.2 Il-Kunsill qabel li jiehu parir minghand il-Perit tal-Kunsill biex naraw x'permessi huma mehtiega sabiex nizviluppaw dan il-parkegg.

37.2.3 Il-Harga kulturali li kellha ssir fl-ahhar ta' Gunju ma saritx ghaliex kienet wisq shana

37.3 Korrispondenza batch 56 u 57

37.3.1 Ittra minghand Randolph Spiteri , MRRA rigward il-PC ta' Howard Gardens. Il-Ministeru kien lest li jimmanigja dawn il-PC ghas-spejjes tieghu. Il-Kunsill qabel ma dan u immedjatament kif jispocca l-Kuntratt prezenti, jghaddi il-PC f'idejn is-CSD.

37.3.2 Kellna talba minghand il-Parental Empowerment Programme Coordinator sabiex tigi organizza attivita Edukattiva fl-Imdina. Il-Kunsill qabel mal-proposta

37.3.3 Gew referuti lil Kunsill tliet applikazzjonijiet ghal access fl-Imdina bil-Vettura. Dawn kieunu tas-Sur Alex Micallef li inghata koncessjoni fuq vettura wahda, Is-Sinjorina Marhese Cremona u minn Mons Edgar Attard li gew rifjutati

37.3.4 Ittra minghand is-Sur Borg Caruana, li jikkordina il-Gwardjani Lokali tar-regjun dwar uzu tal-Green Wardens u l-hinijiet taghhom.

37.3.5 Ircevejna stedina minghand il-Kunsill ta' Lecce (IT) sabiex nidhlu partners maghhom fuq progett ta-Isport . Il-Kunsill qabel fuq il-principju li nidhlu shab , dan ghaliex kienet ix-xewqa tal-Kunsill li

jerga jattiva il-process ghal ftehim ta'gemelagg li kien inbeda xi ftit tas-snin ilu.

37.3.6 Ittra minghand is-Sur Dione Buhagiar, organist tal-Kattidral sabiex jinhariglu permess ta'access bil-vettura . Wara diversi kunsiderazzjonijiet , il-Kunsill qabel li jinhareg permess sa l-ahhar tas-sena.

37.3.7 Kellna talba min BAG sabiex nippartecipaw f'kampanja dwar Road Safety . Il-Kunsill qabel li jippartecipa.

37.3.8 Ittra minghand il-Kumitat tar-Rehabilitazzjoni tal-Mdina fi hdan MRRA sabiex ninominaw persuna sabiex tirrapresenta lil Kunsill fi hdan dan il-Kumitat. PSM gie rikonfermat ghal sena ohra.

37.3.9 Ittra minghand is-Sur Joseph Abela , mid-DLG dwar l-avviz dwar Kwotazzjonijiet minghand Caterers ghal BBQ ta' Jum l-Imdina. Gew innutati l-kondizzjonijiet impost fuqna.

37.3.10 Talba minghand is-Sur Mathew Spiteri sabiex ikun jista jaccessja l-Mdina bil-vettura tieghu. Din it-talba giet michuda

37.3.11 Talba ohra,din id-darba minghand l-Enforcement Officer tal-Mepa sabiex jaccessja l-Imdina bil-vettura. Din it-talba giet milqugha.

37.3.12 Talba minghand id-Dog Trust Malta sabiex jaghmlu lecture fis-Sala tal-Kunsill. Din it-talba giet milqugha.

37.3.13 Ittra minghand l-Avikat tal-MRRA dwar xi pagament ghal xi xoghol li sar mid-Dipartiment. Qbilna li jigi mhallas dan il-kont.

37.3.14 Kellna twegiba ghal-ittra taghna li bghatna lil Kapitlu tal-Katidral dwar il-bankina mkissra li hemm bizwiet il-Kattidral. Huma qed issostnu li minhabba li kien ser isir xi xoghol fuq is-sur ta; De Redin, dan ix-xoghol ma jistax isir ghalissa. Kellna nikonfermaw mad-direttur tax-xogholijiet.

37.4 Ghoti tal-Kuntratt tat-tindief tat-Toroq u skart goff

37.4.1 PS informa lil Kunsill li kien hemm tliet offerti mitfugha. Wahda mil-offerti kienet skwalifikata minhabb li hafna mid-dokumenti mitluba kienu nieqsa. Kien hemm offerta ohra li l-BOQ ma kienitx kompluta, filwaqt li offerta ohra kienet kompluta. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li d-decizzjoni dwar l-ghoti tal-Kuntratt titiehed darba ohra wara li niehdu il-parir tal-Avukat tal-Kunsill.

37.5 Affarijiet ohra meqjusa urgent – ma kienx hemm

37.6 Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 7/12

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |